*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,749, 18 ta' Mejju, 1993*
*Taqsima C*

# Nru. 59

18. 5. 93

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Alfred Sant, M.P., Kap ta' l-Oppożizzjoni, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-11 ta' Mejju, 1993.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Alfred Sant, M.P., Leader of the Opposition, and read the First time at the Sitting of the 11th May, 1993.

**AN ACT to amend the Broadcasting Act, 1991.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

### msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

Att Nru. XII ta' l-1991.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1993 li jemenda l-Att dwar ix-Xandir, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat billi fis-subartikolu (5) tiegħu, minnufih wara l-kliem "aktar minn liċenzja tax-xandir waħda maħruġa taħt dan l-Att:", għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda xejn f'dan is-subartikolu jew fi kwalunkwe artikolu (jew subartikolu) jew Skeda ta' dan l-Att ma għandu bl-ebda mod ikun ikkonsidrat li qiegħed ifisser li organizzazzjoni, persuna jew kumpanija li tipposjedi, li tikkontrolla jew li tkun responsabbli editorjalment għal servizz tar-radju jew servizz tat-televiżjoni ma jistax ikollha l-liċenzja tax-xandir tagħha estiża biex tkopri wkoll servizz tat-televiżjoni jew servizz tar-radju, skond ma jkun il-każ.".

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abozz hu biex jikkjarifika li l-liċenzji li jkunu maħruġa għal servizz tar-radju jew tat-televiżjoni jistgħu jkunu estiżi biex ikopru wkoll servizz tat-televiżjoni jew servizz tar-radju.

# A BILL
## entitled

*AN ACT to amend the Broadcasting Act, 1991.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

Act No. XII of 1991.

**1.** This Act may be cited as the Broadcasting (Amendment) Act, 1993, and shall be read and construed as one with the Broadcasting Act, 1991, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 10 of the principal Act.

**2.** Section 10 of the principal Act shall be amended in subsection (5) thereof, by adding immediately after the words "one broadcasting service licensed under this Act:" the following proviso:

"Provided that nothing in this subsection or in any other section (or subsection) or Schedule of this Act shall in any way be construed to mean that an organisation, person or company owning, controlling or editorially responsible for a radio service or a television service may not have its broadcasting licence extended to cover also a television service or a radio service, as the case may be.".

---

## Objects and Reasons

The Object of the Bill is to clarify that licences issued in respect of a radio or a television service may be extended to cover also a television or a radio service.